



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Mejju 2022
(OR. en)

8076/22

LIMITE

CORLX 346
CFSP/PESC 475
CONOP 25

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/938 b'appoġġ għal proċess ta' tiżni tal-fiduċja li jwassal għall-istabbiliment ta' żona ħielsa mill-armi nukleari u mill-armi l-oħra kollha ta' qerda massiva fil-Lvant Nofsani

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/938 b'appoġġ għal proċess ta' tisħiħ tal-fiduċja
li jwassal għall-istabbiliment ta' żona ħielsa mill-armi nukleari
u mill-armi l-oħra kollha ta' qerda massiva fil-Lvant Nofsani**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-6 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill adotta Deċizzjoni (PESK) 2019/938¹.
- (2) Id-Deċizzjoni (PESK) 2019/938 pprevediet perijodu ta' implimentazzjoni ta' 36 xahar għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3) tagħha.
- (3) Is-Sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, l-Istitut tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riċerka dwar id-Diżarm, talab estensjoni ta' 12-il xahar ta' dak il-perijodu ta' implimentazzjoni sal-10 ta' Lulju 2023, meta wieħed iqis id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-proġetti skont id-Deċizzjoni (PESK) 2019/938 minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19.
- (4) It-tkomplija tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċizzjoni (PESK) 2019/938 sal-10 ta' Lulju 2023 ma għandha ebda implikazzjoni fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji sal-10 ta' Lulju 2023.
- (5) Id-Deċizzjoni (PESK) 2019/938 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2019/938/PESK tat-6 ta' Ġunju 2019 b'appoġġ għal proċess ta' tisħiħ tal-fiduċja li jwassal għall-istabbiliment ta' żona ħielsa mill-armi nukleari u mill-armi l-oħra kollha ta' qerda massiva fil-Lvant Nofsani (ĠU L 149, 7.6.2019, p. 63).

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni (PESK) 2019/938, l-Artikolu 5(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

'2. Għandha tiskadi fl-10 ta' Lulju 2023.'.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
